MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2563/2002

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**Frontline Marketing & Communications Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 t'Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u erbgha u tmenin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm984.81), rapprezentanti l-hlas dovut fuq il-prezz ta' diversi riklami ppublikati mis-socjeta` attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` konvenuta. Ghalkemm debitament interpellata biex thallas l-ammont dovut is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 3 ta' Gunju, 2002, u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug**

**tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` konvenuta fil-21 ta' Novembru, 2002, li biha ammettiet t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u erbgha u tmenin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm984.81), bl-imghax legali mill-25 t'Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 3 ta' Gunju, 2002, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**